Network Dinji ta' Talb mal-Papa

Il-Fehma tal-Papa għal Settembru 2021

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-

Sabiex ilkoll kemm aħna nagħmlu għażliet kuraġġużi għal stil ta' ħajja sempliċi u favur ambjent sostenibbli, filwaqt li nifirħu biż-żgħażagħ tagħna li qed jimpenjaw ruħhom b'mod determinat favur l-ambjent.

Nitlob:

Mulej, għinni biex permezz ta' azzjoni konkreta u tmexxija għaqlija, nieħu ħsieb l-ambjent li inti ħlaqt għalina biex niskopruh, ingawduh u nieħdu ħsiebu.

X'nista' nagħmel:

Nipprova nnaqqas l-impatt tiegħi fuq l-ambjent permezz ta' azzjonijiet sempliċi; nixtri prodotti li għandhom inqas ippakkjar; insewwi l-affarijiet flok li nixtri prodotti ġodda; insuq il-karozza tiegħi b'mod aktar effiċjenti jew immur bil-mixi meta mmur nixtri viċin tad-dar.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com